TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 289/10

**Sebastiana k/a Bessie Tanti**

**vs**

**Crosscraft Co. Ltd.**

Illum 5 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 t'Awwissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tmien mija u tmien ewro (€808) rappreżentanti prezz ta' *washing machnine 'Hoover'* illi wara li nxtrat, din il-*washing machine* kellha diversi ħsarat.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi hija kienet xtrat *washing machine* mingħand il-Crosscraft tad-ditta 'Hoover' fit-8 ta' Diċembru, 2008 u kellha diversi ħsarat. F'Jannar tal-2010 ġiet mibdula ma' waħda ġdida u reġgħet bdiet bl-istess problemi. Minkejja li riedu jsewwuha, r-rikorrenti m'aċċettatx.

Is-soċjeta' intimata ammettew illi kienu bidlulha l-*washing machine* ma' waħda ġdida u reġa' mar il-heater bl-istess problema li kellha. Huma dejjem kienu lesti biex ibiddluh.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal iħoss illi jidher li din il-problema kienet qegħda tiġri ta' spiss u minkejja li tissewwa u minkejja li anke nbidlet il-*washing machine* ma' waħda ġdida, xorta baqgħet tippersisti bl-istess problema.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tmien mitt ewro (€800), b'dan illi l-*washing machine* tiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**